



Brussell, 19 ta' Frar 2026
(OR. en)

14144/1/25
REV 1 ADD 1

Fajl Interistituzzjonali:
2022/0344 (COD)

ENV 1039
CLIMA 445
AGRI 499
FORETS 89
ENER 534
TRANS 474
CODEC 1560
PARLNAT

DIKJARAZZJONI TAR-RAĠUNIJET TAL-KUNSILL

Suġġett: Pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari bil-ħsieb tal-adozzjoni tad-DIRETTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL li temenda d-Direttiva 2000/60/KE li tistabbilixxi qafas għal azzjoni Komunitarja fil-qasam tal-politika tal-ilma, id-Direttiva 2006/118/KE dwar il-protezzjoni tal-ilma ta' taħt l-art kontra t-tniġġis u d-deterjorament u d-Direttiva 2008/105/KE dwar standards ta' kwalità ambjentali fil-qasam tal-politika tal-ilma

- Dikjarazzjoni tar-raġunijiet tal-Kunsill
- Adottata mill-Kunsill fis-17 ta' Frar 2026

I. INTRODUZZJONI

1. Fit-22 ta' Ġunju 2022, il-Kummissjoni adottat proposta għal Direttiva li temenda d-Direttiva 2000/60/KE li tistabbilixxi qafas għal azzjoni Komunitarja fil-qasam tal-politika tal-ilma (WFD), id-Direttiva 2006/118/KE dwar il-protezzjoni tal-ilma ta' taħt l-art kontra t-tniġġis u d-deterjorament (GWD) u d-Direttiva 2008/105/KE dwar standards ta' kwalità ambjentali fil-qasam tal-politika tal-ilma (EQSD)¹.
2. Fl-24 ta' Jannar 2023, il-Kumitat tar-Reġjuni u l-Kumitat Ekonomiku u Soċjali ġew ikkonsultati. Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali adotta l-opinjoni tiegħu dwar il-proposta fit-22 ta' Frar 2023².
3. Fid-19 ta' Ġunju 2024, il-Coreper adotta mandat għal negozjati mal-Parlament Ewropew³.
4. Il-Parlament Ewropew adotta l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari fl-24 ta' April 2024, b'452 vot favur, 43 kontra u 83 astensjoni⁴.
5. Saru erba' trilogi, fit-28 ta' Jannar, fl-20 ta' Mejju, fis-17 ta' Ġunju 2025 u fit-23 ta' Settembru 2025. Il-Presidenza pproponiet mandati riveduti lill-Coreper fil-laqgħat tiegħu tal-14 ta' Mejju, tat-13 ta' Ġunju u tas-17 ta' Settembru 2025. Minbarra t-trilogi politiċi, saru 34 laqgħa teknika.

¹ 14265/22 + ADD 1-3.

² ĠU C 146, 27.4.2023, pp. 41–45.

³ 11383/24.

⁴ 10562/24.

6. Fit-8 ta' Ottubru 2025, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti wettaq analiżi tat-test bil-ħsieb li jintlaħaq qbil u jiġi approvat il-kompromess finali li jirriżulta mit-trilogi⁵. It-test approvat tqassam bħala Anness tad-dokument 13706/25.
7. Fil-21 ta' Ottubru 2025, il-Kumitat ENVI tal-Parlament Ewropew ta l-approvazzjoni tiegħu għat-test. Sussegwentement, fl-istess jum il-President tal-Kumitat ENVI baġat ittra lill-President tal-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti fejn indika li, soġġett għal verifika mill-ġuristi lingwisti, huwa kien ser jirrakkomanda li l-Kumitat ENVI u l-Plenarja jadottaw il-pożizzjoni tal-Kunsill mingħajr emendi.

II. OBJETTIV

8. Fl-2019, il-Kummissjoni wettqet evalwazzjoni tal-kontroll tal-idoneità tal-leġiżlazzjoni tal-UE dwar l-ilma, li tkopri d-Direttiva Qafas dwar l-Ilma, id-Direttiva dwar l-Istandards tal-Kwalità Ambjentali, id-Direttiva dwar l-Ilma ta' Taħt l-Art u d-Direttiva dwar l-Għargħar⁶. Il-kontroll tal-idoneità kkonkluda li, għalkemm il-leġiżlazzjoni hija fil-biċċa l-kbira idonea għall-iskop tagħha, hemm lok għal titjib b'rabta mal-indirizzar tat-tniġġis kimiku.
9. Din il-proposta li temenda d-WFD, il-GWD u l-EQSD, għandha l-għan li taġġorna l-Annessi ta' dawn id-Direttivi li fihom il-listi ta' sustanzi niġġiesa u l-istandards tal-kwalità, li ttejjeb il-monitoraġġ tat-taħlitiet kimiċi, tissimplifika l-aġġornamenti futuri skont is-sejbiet xjentifiċi, ittejjeb l-aċċess għad-data, it-trasparenza u l-użu mill-ġdid tagħha u tistabbilixxi standards ġodda għal sensiela ta' sustanzi ta' tħassib emerġenti.

⁵ 13321/25.

⁶ 15101/19 + ADD 1.

III. ANALIŻI TAL-POŻIZZJONI TAL-KUNSILL FL-EWWEL QARI

10. Abbażi tal-proposta tal-Kummissjoni, il-Parlament u l-Kunsill wettqu negozjati bil-ħsieb li jiġi konkluż qbil fl-istadju tal-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari. It-test tal-abbozz tal-pożizzjoni tal-Kunsill jirrifletti bis-sħiħ il-kompromess li ntlaħaq bejn iż-żewġ koleġislaturi.
11. Biex jiġu ffaċilitati n-negozjati, il-kwistjonijiet politiċi nġabru f'ħames raggruppamenti: a) listi ta' sorveljanza, b) monitoraġġ, c) rappurtar d) sustanzi u e) kwistjonijiet orizzontali. Il-qbil milħuq fit-trilogu tat-23 ta' Settembru 2025, rifless fil-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari, fih **l-elementi ta' politika ewlenin** li ġejjin:

a) Raggruppament ta' listi ta' sorveljanza

12. Il-listi ta' sorveljanza kemm għall-ilma ta' taħt l-art kif ukoll għall-ilma tal-wiċċ għandhom jiġu stabbiliti permezz ta' att ta' implimentazzjoni fi żmien sentejn, u jiġu riveduti kull tliet snin, minn hemm 'il quddiem. L-Istati Membri għandhom jimmonitorjaw kull sustanza jew grupp ta' sustanzi fil-lista ta' sorveljanza fi stazzjonijiet ta' monitoraġġ rappreżentattivi magħżula fuq perjodu ta' 24 xahar. Il-perjodu ta' monitoraġġ għandu jibda fi żmien sitt xhur mill-istabbiliment tal-listi ta' sorveljanza, iżda t-teħid ta' kampjuni u l-analiżi ma għandhomx għalfejn jibdew fil-bidu ta' dak il-perjodu. Sustanzi fil-lista għall-ilma ta' taħt l-art għandhom jiġu mmonitorjati mill-inqas darba fis-sena. Sustanzi fil-lista għall-ilma tal-wiċċ għandhom jiġu mmonitorjati mill-inqas darbtejn fis-sena, u mill-inqas darba fis-sena għall-bijota u s-sediment.

13. **Il-listi ta' sorveljanza huma limitati** għal massimu ta' ħames sustanzi jew gruppi ta' sustanzi għall-ilma ta' taħt l-art u ta' għaxar sustanzi jew gruppi ta' sustanzi għall-ilma tal-wiċċ. Il-mikroplastiċi u l-indikaturi ta' reżistenza antimikrobika ser jiġu inklużi biss dment li jkunu disponibbli metodi affidabbli ta' kampjunar u analiżi. Il-Kummissjoni għandha l-kompitu li tiżviluppa tali metodi fi żmien 18-il xahar.
 14. L-ECHA għandha tħejji rapporti xjentifiċi biex tassisti lill-Kummissjoni fl-għażla tas-sustanzi għall-inklużjoni fil-lista ta' sorveljanza, filwaqt li tqis firxa wiesgħa ta' informazzjoni xjentifika, inkluż ir-rakkomandazzjonijiet mill-Istrateġija ta' Implimentazzjoni Komuni skont id-WFD.
- b) Raggruppament ta' monitoraġġ**
15. Fir-rigward tal-**frekwenza tal-monitoraġġ** ta' sustanzi li jaġixxu bħal sustanzi persistenti, bjoakkumulattivi u tossiċi li jinsabu kullimkien (uPBTs), l-Istati Membri jistgħu jimmonitorjaw dawn is-sustanzi b'mod inqas intensiv milli huwa meħtieġ għal sustanzi prijoritarji, iżda tali monitoraġġ għandu jsir mill-inqas kull tliet snin, sakemm l-użu jew l-emissjoni tas-sustanza, jew l-għarfien tekniku u l-ġudizzju espert, ma jiġġustifikawx intervall ieħor.
 16. Fir-rigward tal-**varjazzjonijiet staġjonali** fil-monitoraġġ, l-Istati Membri għandhom jikkunsidraw l-oġġla livelli ta' użu ta' sustanzi meta jippjanaw il-monitoraġġ tagħhom. Huwa previst ukoll inkoraġġiment volontarju għad-diġitalizzazzjoni tal-monitoraġġ.

17. Il-**monitoraġġ ibbażat fuq l-effetti** huwa obbligatorju għal sustanzi estroġeniċi fl-ilma tal-wiċċ matul perjodu ta' sentejn, sabiex il-Kummissjoni tkun tista' tiġbor id-data. Il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi għal dan il-monitoraġġ permezz ta' att ta' implimentazzjoni. Sabiex jiġi ggarantit li l-Istati Membri jkollhom biżżejjed żmien għat-tnejn, l-għadd ta' siti ta' monitoraġġ huwa limitat u d-data miġbura permezz ta' dan il-metodu hija eskluża mill-valutazzjoni tal-istatus fi tmiem iċ-ċiklu ta' 6 snin, li matulu ser isir dan il-monitoraġġ ta' sentejn.
18. Dwar il-**Faċilità Konġunta ta' Monitoraġġ**, hija inkluża dispożizzjoni fid-WFD li ssegwi approċċ gradwali, jiġifieri, l-ewwel, il-Kummissjoni għandha tivvaluta l-fattibbiltà u mbagħad l-istabbiliment possibbli tal-Faċilità. L-użu tal-faċilità mill-Istati Membri huwa volontarju.

c) Raggruppament ta' rappurtar

19. Dwar ir-rappurtar, il-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari fiha l-elementi li ġejjin:
- ir-rappurtar tal-istat ser ikompli jseħħ fi ħdan il-pjanijiet ta' mmaniġġjar tal-baċini tax-xmajjar ta' kull sitt snin (RBMP),
 - id-dispożizzjoni eżistenti dwar ir-rapport interim dwar il-programm ta' miżuri titfassar;
 - id-data ta' monitoraġġ relatata mal-elementi ta' kwalità bijoloġika fl-ilmijiet tal-wiċċ għandha tiġi rrappurtata kull 3 snin,
 - id-data ta' monitoraġġ relatata mal-elementi ta' kwalità kimika fl-ilma tal-wiċċ u fl-ilma ta' taħt l-art għandha tiġi rrappurtata kull sentejn. L-Istati Membri huma mħeġġa, fuq bażi volontarja, jirrapportawh kull sena;
 - obbligi ġodda ta' rappurtar għandhom ikunu allinjati bis-sħiħ mal-mekkaniżmi eżistenti ta' twassil ta' data elettronika;
 - L-Istati Membri jistgħu jipprovdu mapep addizzjonali li jippreżentaw l-informazzjoni dwar l-istatus.

d) Raggruppament ta' sustanzi

20. Dwar is-**sustanzi**, il-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari tinkludi l-elementi li ġejjin:

- Dwar il-**PFAS**: Is-somma tal-PFAS għall-ilma ta' taħt l-art hija allinjata mad-Direttiva dwar l-Ilma tax-Xorb (DWD), li tistabbilixxi standard ta' kwalità (QS) għas-somma ta' 20 PFAS. L-allinjament mad-Direttiva dwar l-Ilma tax-Xorb huwa dinamiku u kwalunkwe aġġornament li jsir għall-ilma tax-xorb ser japplika awtomatikament għall-ilma ta' taħt l-art. Barra minn hekk, biex jitqies għarfien xjentifiku ġdid u fehim aħjar tal-ħsara ta' dawn is-sustanzi, għall-ilma ta' taħt l-art huwa inkluż standard ta' kwalità għas-somma ta' 4 PFAS li huma rikonoxxuti li jippreżentaw riskju sinifikanti għas-saħħa tal-bniedem u għall-ambjent. Għall-ilma tal-wiċċ, l-aċidu trifluworoaċetiku jżidded mas-somma ta' 24 PFAS. Fir-rieżami li jmiss, kemm għall-ilma ta' taħt l-art kif ukoll għall-ilma tal-wiċċ, il-Kummissjoni għandha tikkunsidra jekk l-aċidu trifluworoaċetiku għandux ikollu l-istandard ta' kwalità separat tiegħu stess jew ikompli jkun parti mis-somma tal-PFAS. Il-Kummissjoni għandha tikkunsidra wkoll li tistabbilixxi standards ta' kwalità għat-total tal-PFAS.
- Dwar il-**pestiċidi**: Għall-ilma ta' taħt l-art, standard ta' kwalità għall-metaboliti mhux rilevanti tal-pestiċidi huwa ssimplifikat. Barra minn hekk, il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi permezz ta' att ta' implimentazzjoni lista ta' metaboliti tal-pestiċidi magħrufa, li tindika jekk humiex rilevanti jew le. Din il-lista għandha tiġi adottata fi żmien 24 xahar mid-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva emendatorja u wara għandha tibqa' tiġi aġġornata f'konformità maċ-ċiklu tal-RBMP. Għall-ilma tal-wiċċ, l-istandard totali ta' kwalità ambjentali tal-pestiċidi (EQS) propost inizjalment mill-Kummissjoni huwa sostitwit b'EQS għat-total tal-pestiċidi li diġà huma inklużi fil-lista ta' sustanzi prijoritarji li għandhom jiġu mmonitorjati (ħlief l-erba' pestiċidi li għandhom jiġu mmonitorjati fil-bijota jew fis-sediment u fil-glifosat) b'valur ta' 0.2 µg/l għall-ilma ħelu.

- Dwar il-**Bisfenoli**: Il-Bisfenol-A huwa ddeżinjat bħala sustanza perikoluża ta' prijorità, għalhekk, jiżdied mal-lista ta' sustanzi fl-Anness I tal-EQSD.
- Dwar it-**tneħħija ta' sustanzi** mil-lista: L-atrażina tneħħa mil-lista.
- Dwar **is-somom u t-totali**, fil-GWD, qed jiġi introdott mill-ġdid Anness V li fih "Sustanzi għal Rieżami", li jelenka s-somma/somom ta' farmaċewtiċi magħżula skont il-mod ta' azzjoni u s-somma tal-bisfenoli li għandhom jiġu kkunsidrati fir-rieżami li jmiss. Bl-istess mod, jiżdied Anness III ġdid li fih "Sustanzi għal Rieżami" mal-EQSD li jelenka s-somma tal-bisfenoli, is-somma/somom ta' pestiċidi magħżula skont il-mod ta' azzjoni u s-somma/somom ta' farmaċewtiċi magħżula skont il-mod ta' azzjoni li għandhom jiġu kkunsidrati fir-rieżami li jmiss. Għar-rieżami li jmiss, il-Kummissjoni għandha tikkunsidra wkoll li tistabbilixxi EQS fl-ilma tal-wieċ għal total ta' pestiċidi, total ta' farmaċewtiċi u total ta' bisfenoli, u tistabbilixxi standard ta' kwalità fl-ilma ta' taħt l-art għal total ta' farmaċewtiċi u total ta' bisfenoli, appoġġati minn metodi ta' monitoraġġ xierqa, għalkemm dawn mhumiex inklużi fl-Anness III u l-Anness V il-ġodda.

e) **Raggruppament ta' kwistjonijiet orizzontali: Definizjonijiet, miżuri fis-sors; kooperazzjoni transkonfinali; ekosistemi tal-ilma ta' taħt l-art; nondeterjorament u eżenzjonijiet relatati; responsabbiltà estiża tal-produtturi; aċċess għall-ġustizzja; u skadenzi, konformità, traspożizzjoni u rieżami**

21. Fir-rigward tad-**definizjonijiet**, kemm "sustanzi prijoritarji" kif ukoll "sustanzi perikolużi prijoritarji" ġew adattati għall-introduzzjoni mill-ġdid tal-Artikolu 16. Fid-definizzjoni ta' "Sustanzi niġġiesa speċifiċi għall-baċiri tax-xmajjar" ġie speċifikat li tali sustanzi niġġiesa mhumiex jew ma għadhomx identifikati bħala sustanzi prijoritarji iżda qed jiġu skarikati jew iddepożitati fi kwantitajiet sinifikanti f'baċir jew sottobaċir tax-xmara tat-territorju ta' Stat Membru partikolari. Il-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari żżid ukoll żewġ definizzjonijiet ġodda, dawk ta' "Valur ta' skattar ibbażat fuq l-effetti" u "Deterjorament tal-istatus ta' korp tal-ilma", sabiex tirrifletti d-dispożizzjonijiet ġodda rilevanti introdotti fid-WFD u żżid id-definizzjoni ta' "Ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem" biex tallinjaha mad-Direttiva dwar l-Ilma tax-Xorb.

22. Fir-rigward tal-**miżuri fis-sors**, meta jkunu qed iħejju l-programm ta' miżuri tagħhom, l-Istati Membri huma meħtieġa l-ewwel jikkunsidraw miżuri ta' kontroll tas-sors, f'konformità mal-leġislazzjoni settorjali rilevanti tal-Unjoni, u mbagħad, fejn meħtieġ, miżuri biex jitnaqqas ir-riskju mit-tniġġis eżistenti. Dan huwa relatat ukoll mal-introduzzjoni mill-ġdid tal-Artikolu 16 u r-rekwiżit li l-Kummissjoni tressaq proposti għal kontrolli biex jinkiseb il-waqfien jew l-eliminazzjoni gradwali tal-iskariki, l-emissjonijiet u t-telf tas-sustanzi perikolużi ta' prijorità fi żmien 20 sena mid-deżinjazzjoni tas-sustanzi bħala sustanzi perikolużi ta' prijorità.
23. Dwar id-dispożizzjonijiet, il-**kooperazzjoni transkonfinali** hija ssimplifikata. It-test jippreċiża wkoll li meta jinqalgħu ċirkostanzi eċċezzjonali, b'mod partikolari għargħar estrem, nixfiet fit-tul jew inċidenti sinifikanti ta' tniġġis, minbarra li Stat Membru jinforma lill-Istati Membri affettwati l-oħra u lill-awtoritajiet internazzjonali ta' koordinazzjoni tal-baċiri tax-xmajjar, huwa għandu jinforma wkoll lill-Kummissjoni.
24. Fir-rigward tal-**ekosistemi tal-ilma ta' taħt l-art**, il-ħtieġa li jinġabar aktar għarfien dwar il-preżenza, l-importanza u s-sensittività tal-ekosistemi tal-ilma ta' taħt l-art hija rikonoxxuta, bil-ħsieb li tiġi żgurata l-protezzjoni tagħhom fil-futur. Il-Kummissjoni għandha taħdem mal-Istati Membri, taħt is-CIS biex tiżviluppa metodoloġija għall-identifikazzjoni tal-preżenza ta' ekosistemi tal-ilma ta' taħt l-art. Ladarba tkun disponibbli metodoloġija affidabbli, l-Istati Membri għandhom jivvalutaw il-preżenza tal-ekosistemi tal-ilma ta' taħt l-art fil-korpi tal-ilma ta' taħt l-art li l-karatteristiċi tagħhom jistgħu jappoġġaw l-eżistenza tagħhom. Jekk il-preżenza tiġi vverifikata, l-Istati Membri għandhom jistabbilixxu standards aktar stretti biex jipproteġu dawk l-ekosistemi, sakemm l-istandards li kienu stabbiliti qabel biex jipproteġu s-saħħa tal-bniedem ma jkunux diġà stretti biżżejjed.
25. Ġiet introdotta definizzjoni ta' **deterjorament**, li tikkorrispondi għall-ġurisprudenza eżistenti, kif ukoll żewġ **eżenzjonijiet addizzjonali** skont l-Artikolu 4 tad-WFD, fejn id-deterjorament temporanju u d-deterjorament permezz tar-rilokazzjoni ma għandhomx jitqiesu bħala ksur tad-WFD. L-eżenzjonijiet fihom ċerti salvagwardji sabiex jiġi żgurat li l-oġettivi tad-WFD ma jiġux ipperikolati, b'mod partikolari dawk relatati mal-ilma tax-xorb.

26. Fir-rigward tar-**responsabbiltà estiża tal-produttur**, il-Kummissjoni għandha tħejji rapport, fi żmien 3 snin mid-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva emendatorja, biex tevalwa, b'mod partikolari, il-fattibbiltà li jiġi impost l-obbligu fuq il-produtturi li jqiegħdu fis-suq tal-UE prodotti li fihom sustanzi prijoritarji u sustanzi perikolużi prijoritarji biex jikkontribwixxu għall-kostijiet tal-programmi ta' monitoraġġ stabbiliti f'konformità mad-WFD.
27. Fir-rigward tal-**aċċess għall-ġustizzja**, jiddaħħlu premissi ġodda u Artikolu ġdid fid-Direttiva Qafas dwar l-Ilma.
28. Fir-rigward tal-**iskadenzi u l-konformità**, il-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari tintroduċi flessibbiltà konsiderevoli għall-Istati Membri bl-hekk imsejħa "**klawżola mutatis mutandis**", kif ġej:
- il-konformità mal-kisba ta' status kimiku tajjeb tal-ilma ta' taħt l-art fir-rigward tas-sustanzi introdotti ġodda tista' tiġi estiża sal-2039, u f'ċerti ċirkostanzi, għal aġġornament ieħor tal-RBMP, jiġifieri l-2045,
 - għall-ilma tal-wiċċ, l-istess estensjonijiet huma proposti għas-sustanzi prijoritarji li għadhom kif ġew introdotti, u l-konformità għas-sustanzi prijoritarji mal-EQS riveduti tista' tiġi estiża sal-2033, b'estensjoni addizzjonali possibbli sal-2039,
 - kemm għall-ilma ta' taħt l-art kif ukoll għall-ilma tal-wiċċ, l-Istati Membri jistgħu japplikaw l-estensjonijiet taż-żmien lil hinn minn ċiklu wieħed f'każijiet fejn il-kundizzjonijiet naturali jkunu tali li l-oġġettivi ma jkunux jistgħu jintlaħqu f'dan il-perjodu,

- fir-rigward tal-valuri ta' limitu u s-sustanzi niġġiesa speċifiċi għall-baċiri tax-xmajjar, b'EQS stabbilit jew fil-livell tal-UE jew fil-livell nazzjonali, l-Istati Membri għandhom jiksbu status kimiku tajjeb tal-ilma ta' taħt l-art u tal-ilma tal-wiċċ sa tmiem l-RBMP li ge'j minn meta jkunu ġew stabbiliti l-valuri jew l-EQS, b'estensjoni possibbli b'aġġornament ulterjuri wieħed tal-RBMP,
- programm preliminari ta' miżuri huwa introdott għal sustanzi identifikati ġodda fl-ilma ta' taħt l-art u fl-ilma tal-wiċċ, li jikkopja l-approċċ meħud għal sustanzi identifikati ġodda fl-ilma tal-wiċċ fir-reviżjoni tal-2013 tal-EQSD,
- id-data tat-traspożizzjoni hija ffixsata għall-21 ta' Diċembru 2027, biex jiġi żgurat li r-rekwiżiti relatati mal-istandards riveduti jkunu jistgħu jitqiesu fir-raba' RBMP.

29. Fl-aħħar nett, l-**annessi** li jelenkaw is-sustanzi niġġiesa ser jiġu aġġornati kull sitt snin. Dan iċ-ċiklu ser ikun l-istess għall-pubblikazzjoni tar-rapporti tal-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi (ECHA), ħlief għall-ewwel rapport tal-ECHA li għandu jiġi ppubblikat wara erba' snin. L-Artikoli 16 u 17 tad-WFD huma introdotti mill-ġdid, u b'hekk jiġi żgurat li r-reviżjoni tal-Annessi ssir permezz tal-proċedura leġislattiva ordinarja.

IV. KONKLUŻJONI

30. Il-Pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari rigward din id-Direttiva emendatorja tirrifletti l-kompromess li ntlaħaq fin-negozjati bejn il-Kunsill u l-Parlament Ewropew, iffaċilitat mill-Kummissjoni. Ladarba jiġu adottati, il-modifiki proposti għad-Direttivi eżistenti ser jindirizzaw in-nuqqasijiet kollha identifikati fl-Evalwazzjoni REFIT tagħha u jżidu l-livell ta' protezzjoni tal-ambjent u tas-saħħa tal-bniedem mill-effetti negattivi tat-tniġġis kimiku.